MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Numru 526/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Malcolm Bondin**
**vs**
**Guzeppi Debattista**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Guzeppi Debattista ta' 46 sena iben George u Helen nee' Ellul mwieled B'Kara fis-17 ta' April 1962 u residenti 347 Ave Maria Triq il-Vitorja Qormi, ID 303562M.**

**Akkuzat talli nhar is-26 ta' Mejju 2008 ghall-habta ta' 6.00pm fi Triq l-Imdina Qormi sabiex jikseb xi vantaggi jew beneficcji ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsueb ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz u licenzja bin-numru**

**HAH 371 fuq vettura ta’ l-ghamla Mercedes SL 500 ta’ lewn iswed (numru tar-registrazzjoin mhux maghruf).**

**U iktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru tar-registrazzjoni HAH 371 u licenzja fuq vettura ta’ l-ghamla Mercedes SL 500 ta’ lewn iswed (numru tar-registrazzjoni mhux maghruf).**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Ghal daqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Il-Qorti qieset li l-imputat ammetta mill-ewwel u kkopera mal-pulizija fil-fazi ta’ l-istqarrija.**

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta’ 1100 Euro, liema multa’ tista tithallas b’rati ta’ 100 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------